MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 515/2007

**Talba Nru: 515/07VGD**

Eden Entertainment Limited (C26701).

Vs

Kurt & Co. Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallasha l-ammont ta' erba mija, tmienja u hamsin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm458.48) rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi ta' reklamar rezi lis-socjeta'

konvenuta fuq Bay Radio. Bl-ispejjes tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tat-22 ta’ Novembru 2006 u bl-imghax legali mill-31 ta’ Marzu 2003, data ta’ l-ahhar invoice, kontra s-socjeta’ konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas s-somma ta’ elf u seba u sittin Ewro u seba u disghin centezmu (€1067.97), ekwivalenti ghal erba mija, tmienja u hamsin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm458.48), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------